14 ta' Diċembru, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., **LL.D.**

Alfred Copperstone *versus* Francesco Grech et.

**Azzjoni Rivendikatorja — Estremi — Prova.**

*Estremi ta' l-azzjoni rivendikatorja huma: 1. Li l-attur rivendikant jipprova li għandu d-dominju fuq il-ħaġa li huwa jrid jirrivendika, u li huwa akkwista dak id-dominju leġittimament; 2. u li l-konvenut ikun jippossjedi dik il-ħaġa.*

*Dwar l-ewwel rekwiżit, il-prova trid tkun pjena u konvinċenti; u din il-prova ma tiġix raġġunta jekk ir-rivendikant ma juriх titolu ċar u preċiż tad-dominju tiegħu.*

*Jekk ir-rivendikant ma jagħmilx din il-prova, il-konvenut ma għandux bżonn jipprova xejn; għax sakemm ir-rivendikant ma jagħmilx dik il-prova, il-possessur tal-ħaġa ma għandux bżonn jiċċaqlaq; u kwindi lanqas huwa tenut isostni l-eċċezzjonijiet li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, wara li ppremetta illi b'kuntratt publikat minn Nutar Giovanni Vella fl-10 ta' April 1933 (dok. A) l-attur xtara, fost ħwejjeġ oħra, il-kamra ossija kantina Strada Crocefisso, il-lum Crucifix Street, no. 9, Senglea, sottoposta għall-bini tal-venditur, fosthom il-post nru. 8 ta' l-istess triq; u illi l-konvenuti, barra l-aħwa Grech, fir-rikostruzzjoni tal-mezzanin nru. 10 fl-istess triq, il-lum però markat bin-numru 9, użurpaw u ħadu parti mill-kantina li tappartjeni lill-attur; u illi b'kuntratt publikat minn Nutar Dr. John Spiteri Maempel fit-2 ta' Novembru 1949 (dok. B) il-konvenuti Grech xtraw minn għand il-konvenuti l-oħra l-imsemmi mezzanin numru 10 fit-triq fuq indikata, bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tiegħu, kompriża dik il-parti mill-kantina użurpata lill-attur; u illi l-istess attur, bi protest tal-14 ta' Jannar 1950, interpella lill-konvenuti biex jirreintegrawh fid-drittijiet tiegħu, iżda ta' xejn; talab illi l-istess konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jirrilaxxjaw u jirrestitwixxu lill-attur dik il-parti mill-kantina fuq deskritta minnhom indebitament meħuda u mgħaqqda mal-mezzanin nru. 10, u jqiegħdu kollox "in pristinum", u dan fi żmien qasir u perentorju; u

illi jekk dan iż-żmien jgħaddi inutilment, l-attur jiġi awtorizzat biex jagħmel ix-xogħlijiet meħteġa sabiex jissegrega l-parti użurpata tal-kantina mill-fond nru. 10, u dan a spejjeż tal-konvenuti, jew min minnhom, u taħt id-direzzjoni ta' perit li tinnomina l-Qorti. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-14 ta' Jannar 1950, kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur jippretendi li l-konvenuti Gatt, Piju u Mizzi, fir-rikostruzzjoni tal-fond tagħhom nru. 10 Crucifix Street, l-Isla, użurpaw u okkupaw arbitrarjament, favur dak il-fond tagħhom, parti mill-kantina tiegħu, jew fond, nru. 9 fl-istess trip u post, jiġifieri l-parti markata bil-linji fil-pjanta fil-fol. 109 tal-proċess, u għalhekk qiegħed jitlob in kontestazzjoni tal-konvenuti, anki ta' l-aħwa Grech, li xtraw il-fond tal-konvenuti l-oħra wara r-rikostruzzjoni tiegħu, u l-lum huma l-possessuri tiegħu, biex huma jirreintegrawh fid-drittijiet tiegħu, billi jirrilaxxjawlu u jirrestitwulu dik il-parti tal-kantina;

Illi, kif huwa jissottometti, l-attur qiegħed jintenta l-azzjoni rivendikatorja, li għandha bħala estremi (1) li l-attur jipprova li għandu d-dominju fuq il-ħaġa u li akkwista dak id-dominju leġittimament, u (2) li l-konvenuti jippossjedu dik l-istess ħaġa. "Duo extrema leges requirunt ab actore immissionem flagitante, precipue nempe illius vocatio ac possessio bonorum apud reum conventum" (Melivetana. Executionis Testamenti, 31 I. 1782, coram Agedo);

Illi dwar l-ewwel rekwiżit, il-prova trid tkun pjena u konvinċenti — "dominium plene et concludenter probandum est, ubi non agitur incidenter de dominio sed quid principaliter" (L. quidem Dig. de condit. instit. ubi part. n. 4). Għal din il-prova l-attur ipproduċa l-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Vella tal-10 ta' April 1933, li bih huwa xtara l-kantina............... Imma b'dak il-kuntratt biss........... ma jistax jingħad li l-attur ipprova pjenament u konkludentement il-pretensjoni tiegħu. Infatti, f'dak il-kuntratt jingħad sempliċement........... Konsegwentement l-attur, b'dak il-kuntratt b'kollox, ma wasalx biex jipprova b'mod pjen u

konkludenti l-pretensjoni tiegħu; u jmiss biss lill-attur rivendikant li jurı li t-titolu tiegħu huwa ċar u preċiż (Baudry Lacantinerie, Beni, para. 248); u l-ġudikant għandu "piena libertà di eliminarlo come incompleto, oscuro o dubio, sopratutto se contiene dichiarazioni ambigue sulla designazione della cosa rivendicata" (ibid.), kif appuntu huma ċ-ċirkustanzi f'dan il-każ;

Illi, apparti li l-kuntratt gà msemmi, waħdu, ma jipprova xejn preċiż, l-istess kuntratt għall-konvenuti huwa "res inter alios acta"; dik l-ispeċi ta' deskrizzjoni tal-fond magħmula fil-kuntratt ma saretx per mezz ta' relazzjoni peritali, imma sempliċement u unikament mill-venditur Peter Camilleri u wliedu........... Del resto, Peter Camilleri qatt ma semma li huwa kien proprjetarju ta' dik il-parti tal-kantina, imma biss "jaħseb" li dik il-parti kienet sottoposta għall-fond tiegħu;

Illi, barra minn dan, ukoll jekk Peter Camilleri qal — dak li ma għamelx — li huwa kien proprjetarju tal-parti tal-kantina fil-kontroversja, u wkoll kieku d-deskrizzjoni fil-kuntratt fuq imsemmi kienet għal kollox preċiża — dak li ma hijiex, dak il-kuntratt, li hu att ta' bejgħ, ma kienx ikun, kif mhuwiex, biżżejjed biex isostni l-pretensjoni ta' l-attur. "Invano il rivendicante invoca un atto di vendita. Questo atto prova che il venditore gli ha trasmessi i diritti che aveva sulla cosa; ma per trasmettere la proprietà bisogna essere proprietari; il rivendicante dunque deve provare che il suo autore era proprietario" (Laurent, Vol. VI, para. 159). "L'attore deve stabilire il diritto di proprietà che allega come fondamento dell'azione e oggetto della lite........... Per essere completa, la prova non deve comprendere soltanto la presentazione di un titolo traslativo; qualunque sia questo titolo, vendita..............., esso non ha valore assoluto se non quando emana da un autore che abbia egli stesso la proprietà della cosa: altrimenti il titolo prodotto non ha che l'apparenza di un titolo di proprietà — 'nemo plus juris ad alium transferre potest quam ipse habet'. L'attore si trova così costretto a stabilire che il suo autore immediato era proprietario" (Baudry Lacantinerie, Beni, para. 235). Dina l-prova l-attur ma għamelx, u kwindi l-kuntratt minnu prodott, u li fu-

qu huwa qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu, mhuwiex sufficjenti għal dak l-iskop. Il-kuntratt prodott huwa titolu; imma huwa magħruf li t-titolu ma huwiex ħaġa oħra ħlief preżunzjoni, li dejjem, u speċjalment f'każ ta' rivendikazzjoni, trid tiġi pjenament pruvata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jissottometti li f'materja ta' azzjoni rivendikatorja, fil-każ li l-konvenuti jeċċepixxu favur tagħhom titolu ieħor, huma jidħlu fl-obligu li jippruvaw in-natura tal-pussess tagħhom, u speċjalment it-titolu li bih qegħdin jippossjedu, għaliex "reus excipiendo fit actor". Dina s-sottomissjoni mhijiex korretta. L-ewwelnett il-konvenuti mhumiex jinvokaw favur tagħhom ebda titolu; u mbagħad hu risaput li f'materja ta' azzjoni rivendikatorja "il possessore non ha nulla da provare; egli non è attore, e non oppone alcuna eccezione al rivendicante; egli non vi ha alcun interesse finchè l'attore non ha provato il fondamento delle sue pretensioni. *Egli attende le prove che il rivendicante allegherà*.............. Finchè non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla da provare; egli può serbare il silenzio, e vincerà la lite per ciò solo che il rivendicante non avrà provato di essere proprietario. Ciò è universalmente ammesso dalla dottrina e dalla giurisprudenza" (Laurent, Vol. VI, para. 160). "Requisito legitimae probationis deficiente ex parte actoris sufficit reo convento possessori vincere per non jus actoris" (Melivetana, Reintegrationis, 25. 4. 1727, coram *Rouault de Gamaches*). "Solus defectus vocationis sufficit ad repellendum actorem a pretensa immissione" (Melivetana, Immissionis, 22. 2. 1737, coram Calcagnino). "Actori in faciendis probationibus deficienti nullam competit rei vindicationem, satisque et possessoribus vincere per non jus actoris" (L. Possessionis, 2 Cod. de probat.). U f'każ li l-attur iġib provi li jkunu jidhru konvinċenti u preċiżi, ikun biżżejjed għall-konvenut li jirrendi dawk il-provi dubbjużi — "Reo sufficit actoris pretensionem dubiam reddere" (Dig. de adquir. vel amitt. possess.);

Illi taħt dan l-aspett, u fin-nuqqas ta' provi ċari u preċiżi ta' l-atturi, il-konvenuti setgħu ma ġiebu ebda prova biex

jikkontraddiċu l-pretensjoni ta' l-attur. Però l-konvenuti dehrilhom li jġibu provi biex aktar jirrendu fix-xejn dik il-pretensjoni; u dawn il-provi huma testimonjali. L-attur bħal speċi ipprotesta għall-produzzjoni ta' pròvi testimonjali kontra t-titolu li huwa jippretendi l' għandu. F'dan ir-rigward jingħad (1) li, kif ġà ntqal, il-konvenuti setgħu, kieku riedu, ma ġiebu ebda prova, (2) li t-titolu, preżunzjoni, invokat mill-attur, ġie pruvat fiċ-ċirkustanzi tal-każ li huwa insuffiċjenti, u (3) li l-attur stess irrikorra għall-provi testimonjali;

Illi l-provi testimonjali prodotti mill-konvenuti jirrendu insostenibili l-pretensjoni ta' l-attur, jew almenu żgur li jirrenduha dubja. Ix-xhieda prinċipali huma............;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ta' fatt, u b'eżami komparativ tal-provi, jew aħjar preżunzjoni, insuffiċjenti ta' l-attur, ma' dawk, għalkemm mhux rikjesti, konkordanti u preċiżi, tal-konvenuti, u żgur tali li jirrendu dubji dawk ta' l-attur, il-pretensjoni ta' dan ma tirriżultax ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-perizja ġudizzjarja in kwantu kompatibili magħhom;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.